TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 173/12-F

**Peter Paul Agius**
**vs**
**Digiline Electronics**

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mitejn u tlettax-il ewro (€213), rappreżentanti prezz ta' *mobile* kif ukoll ħamsa u tletin ewro u ċenteżmu (€35.01) rappreżentanti l-prezz tat-tiswijiet, liema *mobile* baqa' bl-istess problemi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *mobile* mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' mitejn u tlettax-il ewro (€213), u nefaq ħamsa u tletin ewro (€35) bħala spejjeż, sabiex dan il-*mobile* jiġi rranġat. Minkejja li s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tissodisfa n-nuqqasijiet, tant li anke ta lir-rikorrenti *mobile* ġdid, dana xorta baqa' jilmenta li kien hemm il-problemi.

It-Tribunal, kien iffaċċjat b'dawn il-provi u m'għandux għażla oħra ħlief li jagħti kumpens lir-rikorrenti, b'dan illi jinnota li l-intimat għamel minn kollox sabiex jipprova jaqdih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), u b'dan illi l-*mobile* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888